SWIEQI

**MINUTI**

**KUNSILL LOKALI SWIEQI**

**IS-SITT KUNSILL 2012 - 2015**

**SEDUTA NUMRU 05**

**IL-ĦAMIS 31 TA'MEJJU 2012 FL-UFFIĊĊJU AMMINISTRATTIV TAL-KUNSILL FIL-5.00P.M.**

**PREŻENTI:**

**Is-Sinjuri:**

| | |
|---|---|
| NOEL MUSCAT | SINDKU |
| Dr JUSTIN FENECH | VICI –SINDKU |
| MARIO FAVA | KUNSILLIER |
| RENE`ROSSIGNAUD | KUNSILLIER |
| MARY ANNE ABELA | KUNSILLIER |
| ALEXANDER CHETCUTI | KUNSILLIER |
| PAUL FENECH | KUNSILLIER |
| ALFRED CURMI | KUNSILLIER |
| CARMEN SAID | KUNSILLIER |

**TALBA**

IS-SINDKU QAL IT-TALBA.

## I APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

1. Il-Minuti tas-Seduta Numru 3 u 4 ġew approvati kif emmendati. Il-Kunsillier Fenech ippropona u l-Kunsillier Said issekondat.

2. Il-Viċi- Sindku staqsa jekk hux possibli li r-resident li kien preżenti għas-seduta jistaqsi l-possibilta' ta' kasettone li titpoġġa faċċatta tas- Swieqi Complex fi Triq il-Ħemel. Din issir biex takkomoda r-residenti li joqgħodu fil-kumpless u b'hekk jiġi evitat ħafna skart li fil-preżent qed jitpoġġa munzell fuq il-bankina.

   Il-Kunsillier P. Fenech ippropona sosspenzjoni ta' l-Agenda sabiex dan ir-resident jispjega r-rikjesti tiegu. Il-Viċi-Sindku proppona.

   Wara diskussjoni il-Kunsill qabel li ssir il-kasettone fi Triq il-Ħemel kantuniera ma' Triq il-Qatta. Il-Kunsill qabel ukoll li din issir fuq prova ta' xahar, jekk din tiġi abbużata titneħħa minnufih.

## II PUNTI LI JOĦORĠU MILL-MINUTI

<u>Mill-Kunsillier M. Fava</u>

1. Il-Kunsillier staqsa jekk saritx il-laqgħa li kellha ssir mar-residenti ta' Triq Josef Calleja. Is-Sindku wieġeb li din għadha ma saritx. Għad trid titieħed deċiżjoni mill-Kunsill jekk il-parti ta' fuq ta' din it-triq isirx taraġ jew triq li tingħaqad ma' Triq il-Ġiebja.

2. Il-Kunsillier staqsa jekk sarux xi diskuzzjonijiet mal-Kumitat Reġjonali dwar is-Sorveljanza tal-wardens fil-lokalita'. Il-Kunsillier ġie nfurmat li din il-laqgħa għadha ma saritx.

3. Il-Kunsillier staqsa jekk tħejjiex il-programm dwar Jum is-Swieqi. Is-Sindku nforma li dalwaqt se jibdew issiru l-preparamenti għal din l-attivita'.

4. Il-Kunsillier staqsa jekk insatbux ir-rikjesti li kienu stabiliti fil-Kunsill preċidenti dwar ċittadini li jġarbu ħsarat fil-vetturi tagħhom minħabba pot- holes fit-toroq tagħna. Is-Segretarju Eżekuttiv nforma li dawn r-rikjesti se jitpoġġew fuq il-mejda tal-Kunsill.

**HUGH ZAMMIT** — **Segretarju Eżekuttiv**

**NOEL MUSCAT** — **Sindku**

## II PUNTI LI JOĦORĠU MILL-MINUTI

Mill-Kunsillier M. Fava (ikompli)

5. Il-Kunsilll ġie mistoqsi jekk waslietx xi korrispondenza dwar il-loading & undloading bay fi Triq il-Qasam fil-viċinanza ta' l-ispiżerija " St. Andrews Pharmacy". L-applikazzjoni kienet saret mill-Kunsill fil-bidu tas-sena 2011. Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li dwar din il-materja kienet saret laqgħa fuq il-post li għaliha kien attenda l-offiċjal mit-Transport Malta Jos. Brincat flimkien ma' xi residenti , pero' risposta dwar l-applikazzjoni għad ma waslietx. Il-Kunsillier staqsa sabiex tintbagħt reminder b'koppja lil Ministru kkonċernat.

6. Il-Kunsillier staqsa jekk waslitx xi korrispondenza mill-Ministru dwar meta se jibdew ix-xogħljiet ta' culverts fi Triq il-Gejża, Triq it-Tiben, Triq l-Ilqug} , Triq l-Għammad u Triq il-Qasam fil-viċinanza ta' Restaurant Ċiniż. Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li kellu kommunikazzjonijet mas-Segretarju tal-Ministru Pulliċino pero' għadha ma' waslet l-ebda konferma dwar meta se jibdew xogħlijiet.

7. Il-Kunsillier informa li z-zebra crossing fi Triq il-Qasam għadha ma tixgħelx minkejja li din ġiet irrapurtata mill-Kunsill żmien twil ilu. Is-Segretarju informa li Works Order għal dawn ix-xogħlijiet diġa' ingħatat lil kuntrattur.

8. Il-Kunsillier staqsa jekk saritx applikazzjoni għad-dawl ġdid fi Triq il-Qasam fil-viċinanza ta' Acaccia Appartments. Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li din diġa' saret u intbagħtet lil Enemalta għall-approvazzjoni.

9. Il-Kunsillier staqsa jekk waslitx xi indikazzjoni dwar meta se jibdew ix-xogħlijiet ta' tarmak mit-Transport Malta fi Triq l-Istasija. Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li għad ma waslitx ir-risposta pero' ser terġa' ssir talba lit-Transport Malta f' Ġunju li tinkludi t-toroq kollha li għadhom bla tarmak fil-lokalita'.

10. Il-Kunsillier staqsa sabiex tinkiteb ittra lit-Transport Malta sabiex titneħħa iz-zebra crossing minn Triq V.Menville minħabba li din qed tkun ta' ostaklu għar-residenti peress li din qegħda eżatt quddiem il-garaxijiet tagħhom.

**HUGH ZAMMIT**
**Segretarju Eżekuttiv**

**NOEL MUSCAT**
**Sindku**

## II PUNTI LI JOĦORĠU MILL-MINUTI

Mill-Kunsillier M. Fava (ikompli)

11. Il-Kunsillier ilmenta dwar id-dewmien ta' bdil tal-bozzoz meta dawn jinħarqu. Hu staqsa sabiex jiġi tterminat il-kuntratt jew tinħareġ default notice lil kuntrattur.Is-Segretarju Eżekuttiv nforma li waslet korrispondenza mid-Dipartiment fejn tinforma li dan il-kuntratt irrid jiġi imġedded mhux itterminat u dan sakemm jinħarġu struzzjonijiet oħra mid-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali. Il-Kunsillier A. Curmi ssostna li qabel ma jiġedded dan il-kuntratt għandhom jiżdiedu 3 klawżoli li jaqraw kif ġej:

    a. L-Invoices għall-ħlas b'kopja tal-Works Orders għandha tasal il-Kunsill mhux aktar tard minn tletin ġurnata wara li jitlestew ix-xogħlijiet. Jekk dan ma jsirx il-Kunsill jkollu d-dritt li jżomm il-pagamenti jew jimponi penali kif stipulat fil-Kundizzjonijiet tal-Kuntratt.

    b. Il-Kuntrattur għandu javża lill-Kunsill li x-xogħlijiet rikjesti skond il-Works Order tlestew.

    c. Il-ħsarat irridu jittranġaw fi żmien ħamest (5) ijiem xogħol. F'kaz li l-problemi ma jkunux fir-responsabilta' tal-Kuntrattur tal-Kunsill dan għandu javża mmedjatament lill-Kunsill sabiex jiġu nfurmati l-entitajiet kkonċernati.

12. Dwar il- bejjiegħ (Hawker ) li jarma mal-ġenb tal-Knisja ta' l-Ibrag, il-Kunsillier Fava ħa l-inkarigu li ser jikkomunika miegħu hu stess.

## III KOMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU

1. Is-Sindku nforma li n-niżla (l-aċċess ) għal Triq Josef Calleja ser issir mill-Kunsill. Din se ssir tal-konkos meta jitlesta' it-tarmak fi Triq Josef Calleya. Is-Sindku nforma ukoll li għandu nformazzjoni li dalwaqt se jibdew ix-xogħlijiet ta' tarmak fi triq pero' għad ma waslet l-ebda konferma meta dawn se jibdew.

2. Il-Kunsill ġie nfurmat li bdew ix-xogħlijiet ta' manutenzjoni tal-ħitan tas-sejjieħ fi Triq tal-Franċiż, Triq tal-Mekkek u Triq ta' l-Ibraġ.

3. Is-Sindku nforma li qed ikollu diversi ilmenti mir-residenti dwar it-transport pubbliku (Arriva). Hu nforma li dawn qed ikunu tard u għaldaqstant xi passiġieri qed jaslu tard għax-xogħol. Ir-residenti tal-Madliena mhumiex moqdijin bit-transport kif ukoll ir-rotta ma tinkludix il-Gżira fejn xi residenti ikollhom il-bżonn li jattendu l-Policlinic. Is-Sindku nforma li dwar dawn l-ilmenti kellu laqgħa mas-Sur Manuel Delia mit-Transport Malta fejn ġie nfurmat li biex jiġu eleminati dawn il-problemi trid issir rotta u transport ġdid.

**HUGH ZAMMIT** **NOEL MUSCAT**
**Segretarju Eżekuttiv** **Sindku**

## III KOMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU - ikompli

4. Il-Kunsill ġie nfurmat li ta' sikwit qed jaslu lmenti dwar il-bini abbandunat ta' fejn qabel kien il-Forum Hotel. Il-bini ta' din il-lukanda jinsab vojt mingħajr għassa u mingħajr bibien u twieqi. F' dan il-bini qed issiru diversi abbużi. Is-Segretarju Eżekuttiv nforma li hu kien kellem lis-Sidien fejn kien ġie nfurmat li ser jimpjewgaw *watch-man* pero' sa llum dan għadu ma ġiex impjegat. Il-Kunsill ġie nfurmat ukoll li dwar dan diġa' inkitbet ittra lil MEPA
   Il-Kunsill ideċieda li għandha tinkiteb ittra oħra lil MEPA b' kopja lil Ministru kkonċernat.

Il-Kunsillier R.Rossignaud talab biex jiġi skużat fis-6:30pm.

5. Is-Sindku nforma li qed ikollu diversi lmenti dwar il-ħmieġ tal-klieb fuq il-Bankina.

6. Il-Kunsill ġie nfurmat li ta' sikwit jaslu lmenti dwar il-preżenza tal-wardens fil-lokalita'. Is-Sindku nforma ukoll li għandu fil-pusses tiegħu rapport tal-kontravenzzjonijiet li ingħataw fil-lokalita'. Dan ir-rapport tpoġġa għall-attenzjoni tal-kunsilliera. Il-Kunsill talab li ssir laqgħa ma' l-Authorized Officer flimkien mal-President Reġjonali. Il-Kunsill ideċieda ukoll li CCTV Cameras fi Triq ta' l-Ibraġ tirraporta 24hrs u mhux *at random* kif qegħda fil-preżent. Il-Kunsill staqsa sabiex jiġu ordnati stickers li jaqraw kif ġej:
   *This Zone is controlled by Timed Parking. Kindly display your parking clock.*
   Dawn l-istickers jitqasmu lil ħwienat sabiex jingħataw lix-xerrejja.

7. Il-Kunsil ġie nfurmat li kull ilment li jiġi rrapurtat lil-Kunsill qed jiġi rregistart f'sistema kompjuterizata, b'hekk il-complainant ikun jista' jsegwi fejn wasal l-ilment tiegħu.

8. Is-Sindku nforma li qed jipprova jorganizza Basketball Nursery.
   Il-logħob issir fil-ground tat-Tennis. Is-Sindku ppreżenta kwotazzjonijiet ta' basketball boards għall-prezz ta' €905 u €1500 għal żewġ settijiet ta' erbgħa l-wieħed.Il-Kunsill qabel unanimament mal-proposta tas-Sindku. Sar qbil ukoll li jinxtraw biss żewġ basket-ball boards għall-prezz ta' €452.50.

9. Is-Sindku nforma li kellu laqgħa mas-Sidien tal-Garden View. Fil-laqgħa ġew diskussi il-problemi dwar l-istrobju ta' l-istudenti fi siegħat bikrin ta' filgħodu. Is-Sidien wegħdu li se jagħmlu minn kollox sabiex jikkontrollaw is-sitwazzjoni. Dwar dan is-Sindku kellu laqgħa ma' xi residenti li talbu biex tinżamm aktar ordni.

**HUGH ZAMMIT** — **NOEL MUSCAT**
**Segretarju Eżekuttiv** — **Sindku**

## IV KOMUNIKAZZJONI MILL- VIĊI -SINDKU

1. Dr. Fenech informa li hu u l-Kunsillier Curmi ser jibdew l-istudju dwar it-Timed Parking fin-naħa ta' isfel tas-Swieqi f' dawk it-toroq viċin Paceville. Dawn jinkuludu wkoll Triq Santu Wistin u Triq is-Swieqi. Il-Kunsill ġie nfurmat li Time Parking fi Triq Santu Wistin diġa' jeżisti pero' dan mhux adattat għar-residenti li joqgħodu fl-imsemmija triq kif ukoll mhux qed issir enforcement.

   Il-Kunsill ġie nfurmat bil-bżonn li jitnaqqsu l-ħinijiet ta' loading and unloading, b' hekk jiżdiedu aktar postijiet għal parkeġġ.

2. Il-Viċi- Sindku irrimarka li r-residenti ta' Triq is-Swieqi talbu sabiex f'din it-triq jitneħħew is-sinjali sofor minn quddiem il-ħwienet kif ukoll minn quddiem il-garaxijjiet li m'għandhom jintużaw bħala garaxx.

3. Il-Viċi Sindku flimkien mas-Sindku iltaqgħu mar-residenti ta' Triq il-Keffa u Triq is-Sidra dwar ilmenti ta' storbju mill-istudenti barranin fl-imsemmija toroq. Instemat evidenza ta' l-istorbju fuq laptop.Dwar l-istess suġġett ġiet ippreżentata petizzjoni ffirmata mir-residenti tal-viċinanza. Il-Viċi Sindku sostna li dan qed ikun ferm ta'inkonvenjent għar-residenti l-aktar dawk li jqumu kmieni tax-xogħol. Hu sosstna li l-istorbju jieqaf fil-11:00pm. Kien hemm kazi fejn saru rapporti lill-Pulizija, pero' l-istorbu reġa' beda' hekk kif dawn telqu minn fuq il-post.

4. Il-Viċi- Sindku staqsa l-possibilta' li l-Assoċassjoni ta' persuni neqsin mis-smiegħ u ta' dawk li ma jitkellmux joragnizzaw xi attivitajiet mal-Kunsill. Hu ssuġerixxa li dawn jistgħu jkunu parti mill-programm ta' Jum is-Swieqi.Il-Kunsill unanimament qabel.

5. Ġie preżentat rapport ta' rikjesti, informazzjoni, laqgħat u pjan ta'ħidma. Rapport anness ma' dawn il-Minuti.

**HUGH ZAMMIT** **NOEL MUSCAT**
**Segretarju Eżekuttiv** **Sindku**

## IV RAPPORTI MILL-KUNSILLIER (ikompli)

Mill-Kunsillier Alfred Curmi

1. Il-Kunsillier staqsa għal kopja tal-kuntratt eżistenti tad-dawl sabiex jara il-ispecifikazzjonijiet ta' din l-offerta' aktar fid-dettal. Is- Segretarju Eżekuttiv wieġeb li dawn qegħdin għad-dispożizjoni tiegħu.
2. Il-Kunsillier staqsa biex jinżebagħ taħt il-mini tas-Swieqi bi żebgħa tas-siment.
3. Il-Kunsillier staqsa sabiex tintbagħat lista ta' numri tat-telefon ta' kull dipartiment lil Kunsillieri. Din tintuża f'każ ta' bżonn l-aktar fil-weekends.
4. Il-Kunsillier ppreżenta rapport dwar laqgħat li saru ma' Transport Malta dwar it-Traffic Managment. Dan ir-rapport se jiġi spejgat fid-dettal fil-laqgħa li se ssir apposta. Ġie deċiż li din il-laqgħa ssir fl-14 ta' Ġunju 2012 fil-5.00pm.
5. Il-Kunsillier staqsa sabiex ma jibqgħux jidhru l-*Kunsillier* f'kull sentenza f' rapporti mill-Kunsilliera.
6. Il-Kunsillier staqsa li l-Minuti tal-Kummitat Amministrattiv għandhom jintbagħtu ukoll lil kunsillieri.
7. Il-Kunsillier staqsa l-possibilta li jiżdiedu l-ħaddiema mill-iskema ta' l-ETC. Is-Segretarju informa li hu diġa' kiteb li d-Dipartiment ikkonċernat, bir-risposta li għalissa dawn il-ħaddiema m`humiex available.

Mill-Kunsillier Carmen Said

1. Il-Kunsillier infurmat li saret il-Ħarġa għall-anzjani, din id-darba l-attivita' saret Għawdex. Din bħas-snin ta' qabel kienet suċċess. L-attendenza kienet ta' 45 persuna.
2. Hi infurmat li kellha laqgħa mal-kappillan dwar l-attivita' Skola Sajf. Il-Kunsill tal-Knisja approva li din l-attivita' issir pero' bl-istess kundizzjonijiet tas-sena li għaddiet li il-Kunsill jippreżenta €400 deposit għal xi ħsarat li jistgħu jsiru.Dwar din l-attivita' il-Kunsill ġie nfurmat li diġa' saret laqgħa ma' l-għalliema.
3. Il-Kunsillier rrapurtat li hi flimkien mas-Sindku kellhom laqgħa mas-Segretarju Parlamentari Mario Galea, it-Tabiba Xuereb u s-Sinjura Isabella Farrugia. F'din il-laqgħa ġew diskussi il-possibiltajiet li tibda' tingħata t-tilqima ta' l-influwenza fil-lokalita' minnflokk fil-berġa tal-Gżira. Sar qbil li ssir komunikazzjoni mal-kappillan dwar il-possibilta' ta' post adttat fil-bini tal-Paroċċa.

**HUGH ZAMMIT** — **Segretarju Eżekuttiv**

**NOEL MUSCAT** — **Sindku**

## IV RAPPORTI MILL-KUNSILLIER (ikompli)

Mill-Kunsillier Mary Anne Abela

1. Il-Kunsillier irrimirkat dwar is-sinjali sofor li riċentament saru fi Triq ta' l-Ibraġ eżatt quddiem Jessie Bar. Hi nfurmat li kellha talba sabiex dawn jitneħħew. Is-Segretarju nforma li dawn ġa tneħħew.

2. Hi nfurmat wkoll li kellha talba minn xi residenti dwar iz-zebra crossing fi Triq San Andrea fil-viċinanza tas-Sun Rise Inn. Il-Kunsillier Said infurmat li din it-talba saret diversi drabi lit-Transport Malta pero' qatt ma ġiet approvata. Il-Kunsill qabel li din il-materja' tiġi diskussa fil-laqgħa li se ssir apposta dwar it-toroq.

3. Il-Kunsillier irrimarkat wkoll dwar il-bżonn ta' loading and unloading bay fi Triq il-Qasam fil-viċinanza tal-ħwienet (St. Andrews Pharmacy).

Mill-Kunsillier P. Fenech

1. Dan il-Kunsillier irrimarka li suppost din il-laqgħa spiċċat fit-8:00pm. Fil-waqt li għad fadal żewġ membri li għadhom ma sottometewx r-rapporti tagħhom. Fadal ukoll 3 items fuq l-Aġenda li għad irridu jiġu diskussi.
   Hu irrakomanda li jkun ferm aħjar jekk fil-futur l-Aġenda tiġi mfassla b' ħin addattat għal kull xogħol, b'hekk jiġi evitat li x-xogħol importanti isir bl-għaġla u meta mhux kulħadd jkun preżenti.

Il-Kunsillier P. Fenech talab sabiex jiġi skużat. Ħin : 8:30pm

Mill-Kunsillier A. Chechuti

1. Il-Kunsillier jaqbel mat-Time Parking fin-naħa ta' isfel tas-Swieqi u talab sabiex l-eżerċizzju jibda' mill-aktar fis.

2. Il-Kunsillier irrakomanda dwar il-possibilta'li Triq il-Qasam fil-viċinanza tal-Forex tittwessa triq. Aktar dettalji jingħataw fil-laqgħa li se ssir dwar it-Transport Malta.

3. Il-Kunsillier se jagħmel eżerċizzju dwar dawk it-toroq li m'għandhomx indikazzjoni ta'isem.

4. Il-Kunsillier staqsa sabiex fil-fuljett tal-Kunsill jiġu ppublikati l-ħinijiet tal-ġbir ta' l-iskart kemm il-Mixed Waste kif ukoll Receyled. Fil-Fuljett għandha tiġi ppublikata wkoll twissija dwar il-ħmieġ tal-klieb.

**HUGH ZAMMIT** **NOEL MUSCAT**
**Segretarju Eżekuttiv** **Sindku**

## IV RAPPORTI MILL-KUNSILLIER (ikompli)

Mill-Kunsillier M.Fava

1. Il-Kunsillier ipprezenta rapport dettaljat taz-zjara tieghu flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv fl-Irlanda fejn attenda ghad-19 –il-konferenza tal-ECAD – European Cities Against Drugs. Huwa spjega dak li gara waqt il-Konferenza u anki ta dettalji dwar il-hsieb tieghu u tas-Sindku li fil-futur il-Kunsill jorganizza Konferenza Internazzjonali fuq l-istess suggett. Il-Kunsillier Fava ghandu jaghti aktar taghrif fis-seduta li jmiss.

2. Il-Kunsillier talab li ssir laqgħa mal-Authorised Officer responsabbli li mis-sitema tal-infurzar lokali sabiex jiġu spejgati d-diffikultajiet li qed jiffaċċjaw ir-residenti u anki diversi sidien tal-ħwienet minn atteġġjament mhux accettabli ta' ċertu wardens fejn saħansitra kien hemm rapport li warden partikolari sfida lil terzi għal ġlied.

3. Il-Kunsillier ippropona li ż-żoni fejn hemm it-timed parking, il-parking bays jinżebghu b' kulur differenti biex jgħin lir-residenti u l-klijenti tal-ħwienet jiddentifikaw din iż-żona. Hu rrakomanda wkoll li t-tabelli li jindikaw is-sistema, jitwaħħlu f' posijiet iktar propmettenti. Ippropona wkoll li jsiru stickers u posters apposta li jindikaw li ż-żona hija restretta għall-time parking. Il-posters jitwaħħlu f 'post prominenti fil-ħwienet, fil-waqt li l-istickers jingħataw lill-klijenti.

4. Il-Kunsillier nform li fil-jiem li ġejjin se jkun qed ifassal kalendarju u skeda ta' laqghat mal-kommunita' tan-negozju fejn ghaliha se jattendu hu u s-Sindku Noel Muscat.

5. Il-Kunsillier nforma li ressaq suggeriment lil AKL biex din tiddiskutieh mal-Ministru konċernat responsabbli mill-Kunsilli Lokali sabiex isiru l-emendi meħtiega fil-ligi tal-Kunsilli Lokali sabiex b'hekk il-Kunsilli jkunu jistghu jidħlu medjaturi bejn ir-residenti u l-Kommunitajiet tan-Negozju. Hu ssemma ezempju kif il-Kunsill jista' jaghmel ftehim ma' suppliers ta' Panelli Fotovoltajici fejn ikun jista jikseb prezz imraħħas minħabba li jinxtraw ammont sostanzjali f'isem numri ta' residenti.

6. Dan jkun ta' għajnuna finanzjajrja għar-residenti fir-rigward li jħallsu inqas għall-konsum tad-dawl kif ukoll isservi ta' inċentiv biex jkomplu jonqsu l-emmissjonijiet fil-lokalita'. Dan jghin ukoll biex inkomplu nerqsu vicin il-mira taghna li nnaqqsu l-emmissjonijiet b' 20% sas-sena 2020 kif maqbul fil-patt tas-Sindki.

**HUGH ZAMMIT** **NOEL MUSCAT**
**Segretarju Eżekuttiv** **Sindku**

## IV RAPPORTI MILL-KUNSILLIER (ikompli)

Mill-Kunsillier M.Fava

7. Il-Kunsillieripprezenta kampjun ta' turf sintetiku li hu tajjeb ghal dixxiplini ta' sports differenti biex tigi studjata l-possibilta' li jigi nstallat fuq l-art tat-tennis Court. Dan bil-hsieb li l-court jkun jista' jintuża' għal aktar logħob differenti per eżempju football nursery u Basketball u mhux minn tennis biss.

8. Il-Kunsillier talab li fl-ewwel laqgħa tal-Kumitat Rgjonali tal-Majjistral tiġi diskussa l-possibilita' li ssir sorveljenza mill-green wardens fil-lokalita' sabiex iservu ta' deterrent għal dawk li qed jabbuzaw u jitfghu kull tip ta' skart barra l-bieb taghhom. Huwa għamel referenza specjali ghal Triq il-Qatta, il-Kumpless residenzjali gdid ta' hdejn il-playingfield, Triq is-Swieqi u Triq il-Qasam kif ukoll f' zoni fejn hemm il-bring-in-sites.

9. Il-Kunsillier irrimarka li huwa deplorevoli l-fatt li fuq siti pubblici fuq l-internet jidhru kummenti sarkastici fil-konfront tal-Kunsill minn persuni li kienu kkontestaw l-elezzjoni sabiex jiġu eletti fl-istess Kunsill. Hu staqsa li kunsilliera, ħbieb ta' dawn il-perusni sabiex javviċinaw lil persuni responsabbli biex dan ma jissuktax b' dawn it-tip ta' kummenti. Il-Kunsill ġie nfurmat li l-istess persuni li għaddew dawn il-kummenti huma l-istess persuni li fil-passat talbu lill-Kunsill għal sponsorship għall-entita' tagħhom.

## V KOMMUNIKAZZJONI MIS-SEGRETARJU EŻEKUTTIV

Kuntratt tat-tarmak fil-Madliena.

1. Is- Segretarju Eżekuttiv nforma li l-kuntrattur qed jistaqsi l-possibilta' li l-Garanzija bankarja (Performance Bond) issir biss fuq it-toroq li fadal (€170,000) u mhux tiġedded fuq toroq kollha li l-biċċa l-kbira tagħhom tlestew.
Il-Kuntrattur qed jitlob ukoll li x-xogħlijiet li fadal (il-permessi mit-Transport Malta) joħorġu f'isem iż-żewġ kuntratturi u mhux f'isem Silos Ltd li huwa l-isem oriġinali li bih ingħatat l-offerta'.
Is-Segretarju Eżekuttiv nforma li dwar dan hu qed jistenna risposta mingħand l-Avukat tal-Kunsill.

2. Ġiet ppreżentata kwotazzjoni ta' xogħolijiet fil-gazebo tal-Ġnien ta' Triq il-Ħemel. Ammont €1125. Il-Kunsill aċċetta l-kwotazzjoni u talab sabiex ix-xogħlijiet jibdew mill-aktar fis possibli.

**HUGH ZAMMIT** **NOEL MUSCAT**
**Segretarju Eżekuttiv** **Sindku**

## V KOMMUNIKAZZJONI MIS-SEGRETARJU EŻEKUTTIV (ikompli)

3. Is-Segretarju Eżekuttiv qara l-korrispondenza minngħand is-Sur Martin Stivala mill-IPSL. L-ittra tinforma li fil-preżent il-kumpanija m'għandhiex impjegati x'tibgħat fil-Kunsill pero' dan il-Kunsill tpoġġa' fuq quddiem bħala prijorita'.

4. Is-Segretarju Eżekuttiv ppreżenta kwotazzjoni ta' installazjoni ta' sistema tal-WIFI fi Ġnien FX Ebejer. Il-kwotazzjoni taqra:

   4Mb €120 fis-sena
   20Mb €900 fis-sena (it-tnejn filtered)

   Dwar din is-sistema l-Kunsill se jieħu deċiżjoni aktar 'il quddiem.

5. Is-Segretarju Eżekuttiv nforma li s-Sinjorina Charmaine Dowling ilha impjegata mal-Kunsill ħames snin. Matul dan iż-żmien hi dejjem kienet responsabbli mill-Customer Care u dan ix-xogħol hi dejjem għamlitu b'ċertu effiċjenza. Is-Segretarju Eżekuttiv irrakomanda li din l-impjegata titla għal skala 13. Fil-preżent din tokkupa Skala 15. Il-Kunsill qabel unanimament dwar dan.

## VI APPROVAZZJONI TA' PAGAMENTI

1. Il-pagamenti kollha li dehru fuq l-iskeda ta' pagamenti ġew approvati.

Il-laqgħa spiċċat 9:15pm u sar aġġornament għall-Ħamis 5 ta' Lulju 2012 fil-5pm.

**HUGH ZAMMIT**
**Segretarju Eżekuttiv**

**NOEL MUSCAT**
**Sindku**